31996F0197

L-AZZJONI KONĠUNTA
ta' l-4 ta' Marzu 1996
adottata mill-Kunsill fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, rigward l-arranġamenti tat-transitu fl-ajruport

(96/197/JHA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu K.3(2) (b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tat-23 ta' Frar 1995 mir-Repubblika Franċiża,

Billi d-determinazzjoni tal-kondizzjonijiet tad-dħul u l-moviment minn ċittadini ta' pajjiżi terzi fil, u fi ħdan it-territorju tal-Istati Membri, u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni mhux awtorizzata minn ċittadini ta' pajjiżi terzi, huma materji ta' interess komuni permezz ta' l-Atikolu K.1 (3) (a) u (ċ) rispettivament tat-Trattat;

Billi r-rotta ta' l-ajru, partikolarment meta tinvolvi applikazzjonijiet għad-dħul jew id-dħul de facto, fil-korsa ta' transitu f'ajruport, tirrapreżenta mod sinifikanti bil-għan partikolarment tat-teħid illegali ta' residenza fi ħdan it-territorju tal-Istati Membri; billi tittjib għandu jkun imfittex fil-kontroll ta' dik ir-rotta;

Billi l-Anness 9 tal-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali stabbilitiet il-prinċipju ta' transitu ħieles ta' passaġġ matul iż-żoni internazzjonali ta' l-ajruporti; billi l-Istati jistgħu b'dana kollu jagħmlu eċċezzjonijiet f'dan il-prinċipju ġenerali billi jinnotifikaw lill-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) u jeħtieġu viża ta' transitu ta' l-ajruport; billi din il-possibbiltà għandha tkun limitat sa kemm ikun possibbli sabiex ikunu evitati limitazzjonijiet mhux neċessarji fl-iżvilupp tat-trasport bl-ajru;

Billi l-armonizzazzjoni tal-istrateġija tal-Istati Membri f'dan il-qasam huma b'konformità ma l-objettivi tas-sigurtà u l-kontroll ta' l-immigrazzjoni illegali tat-Trattat, waqt li jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni bejn il-linji ta' l-ajru u l-ajruporti fl-Istati Membri;

Billi din il-materja ma tikkonċernax il-viżi meħtieġa meta jkunu traversati l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u għalhekk mhix koperta bl-Artikolu 100c (1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea; billi huwa b'dana kollu ta' interess komuni u jkun aktar effettivament trattat permezz ta' azzjoni konġunta;

Billi l-Istati Membri li m'għandhomx arranġamenti ta' viża ta' l-ajruport għandhom ikollhom żmien biż-żejjed sabiex iħejju arranġamenti bħal dawn,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din l-azzjoni konġunta, "viża tat-transitu ta' l-ajruport (ATV)" għandha tfisser l-awtorizzazzjoni li għaliha ċittadini ta' ċerti pajjiżi terzi huma suġġetti, bħala eċċezzjoni tal-prinċipju ta' transitu liberu stabbilit fl-Anness 9 tal-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni ċivili Internazzjonali, għal transitu matul iż-żoni internazzjonali ta' l-ajruporti tal-Istati Membri.

Artikolu 2

1. Il-viża tat-transitu ta' l-ajruport għandha tkun maħruġha mis-servizzi konsulari tal-Istati Membri.

2. Il-kondizzjonijiet tal-ħruġ tal-viżi tat-transitu ta' l-ajruport għandhom ikunu iddeterminati minn kull Stat Membru suġġetti għall-adozzjoni mill-Kunsill ta' kriterja tal-preliminarji għal, u l-ħruġ ta' viżi.

Fil-każi kollha, is-servizzi konsulari għandhom jaċċertaw li ma jkun hemm l-ebda riskju tas-sigurtà jew riskju ta' l-immigrazzjoni illegali. Huma għandhom fuq kollox ikunu sodisfatti li l-applikazzjoni għal viżi tat-transitu ta' l-ajruport tkun iġġustifikata fuq il-bażi tad-dokumenti ippreżentati mill-applikant, u li sa kemm ikun possibbli, dawn id-dokumenti jiggarantixxu dħul fil-pajjiż tad-destinazzjoni finali, partikolarment bil-preżentazzjoni ta' viża meta hekk meħtieġ.

3. B'effett mid-dħul b'effett tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 tad-29 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viżi [1], l-Istati Membri għandhom johorġu viżi tat-transitu ta' l-ajruport bl-użu ta' fomat uniformi tal-viża stabbilit f'dak ir-Regolament.

Artikolu 3

Kull Stat Membru għandu jeħtieġ viża tat-transitu ta' l-ajruport minn ċittadini ta' pajjiżi terzi inklużi fil-lista konġunta annessa hawnhekk li ma jkunux diġa fil-pussess ta' viża tad-dħul jew tat-transitu għall-Istat Membru f'dak il-każ meta jgħaddu miż-żoni

[1] ĠU L 164, ta' l-14.7.1995, p. 1.

internazzjonali ta' l-ajruporti li jinsabu ġewwa t-territorju tagħhom.

Artikolu 4

Stat Membru jista jipprovdi għal eċċezzjonijiet għall-ħtieġa ta' viża tat-transitu ta' l-ajruport fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi inklużi fil-lista konġunta annessa hawnhekk, partikolarment għal:

— membru ta' l-ekwipaġġ ta' l-ajruplani jew tal-vapuri,

— id-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew tas-servizz,

— id-detenturi ta' permess tar-residenza jew dokumenti ekwivalenti maħruġa minn Stat Membru,

— id-detenturi ta' viżi maħruġa minn Stat Membru, jew minn Stat li huwa parti tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

Artikolu 5

Kull Stat Membru għandu jiddeċiedi jekk viża tat-transitu ta' l-ajruport għandhiex tkun meħtieġa miċ-ċittadini ta' pajjiżi li ma humiex inklużi fil-lista konġunta annessa hawhekk.

Artikolu 6

Kull Stat Membru għandu jidettermina l-arranġamenti tat-transitu ta' l-ajruport li huma applikabbli għal persuni statutorji mingħajr pajjiż u r-refuġjati.

Artikolu 7

Fi żmien għaxart ijiem utili mid-dħul b'effett ta' din l-azzjoni konġunta, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħrajn u lis-Segretarja Ġenerali tal-Kunsill bill-miżuri meħuda bis-saħħa ta' l-Artikoli 4, 5 u 6. Dawk il-miżuri għandhom ikunu ippubblikati, għall-informazzjoni, fil-Ġurnal Uffiċjali.

Artikolu 8

Ta' kull sena, il-Presidenza tal-Kunsill għandha tħejji rapport dwar il-progress fl-armonizzazzjoni ta' l-arranġamenti tat-transitu fl-ajruport fi ħdan l-Unjoni.

Il-Kunsill għandu jeżamina xi proposta għall-emenda tal-lista annessa hawnhekk.

Artikolu 9

Din l-azzjoni konġunta ma tippreventax armonizzazzjoni aktar mill-qrib tat-transitu ta' l-ajruport bejn uħud mill-Istati Membri, li tkun testendi lill-hinn mil-lista konġunta annessa hawnhekk.

Artikolu 10

Din l-azzjoni konġunta għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tas-sitt xhar ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.

B'dana kollu, fil-każ tad-Danimarka, l-Finlandja u l-Isvezja, din għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-18-il xhar ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Marzu 1996.

Għall-Kunsill

Il-President

P. BARATTA

L-ANNESS

L-Afganistan

L-Etjopja

L-Eritrea

Il-Ghana

L-Iraq

L-Iran

In-Niġerja

Is-Somalja

Is-Sri Lanka

Iż-Żaire